Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,056, 19 ta' Mejju, 2023
Taqsima B

A.L. 109 tal-2023

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru responsabbli għat-Trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.18.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-verżjoni bl-Ingliż biss, it-tifsira "motor cycle" tiegħu għandha tiġi minnufih qabel it-tifsira "motor vehicle";

(ii) it-tifsira "motor cycle" tiegħu għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdid li ġejja:

> ""motor cycle" tfisser kwalunkwe vettura b'żewġ roti b'sidecar jew mingħajrha, mgħammra b'magna ċilindrata ta' aktar minn 50ċm³ jekk tat-tip ta' kombustjoni interna u, jew li jkollha veloċità massima ddisinjata ta' aktar minn 45 km fis-siegħa, u tinkludi motor tricycle;";

(iii) minnufih wara t-tifsira "Unjoni Ewropea" tiegħu għandhom jiġu miżjuda dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

> " "vettura bil-mutur għall-kiri" tfisser vettura bil-mutur li hija rreġistrata u liċenzjata sabiex tinkera jew tingħata b'leasing minn operatur għal servizzi ta' kiri ta' vetturi, u bil-għan li tinstaq minn dak il-kerrej jew minn min jikri skont ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi; L.S. 499.68. L.S. 65.33.
>
> "vettura bil-mutur M1" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' passiġġieri b'sedili u għal mhux iżjed minn tmien

persuni minbarra s-sedil tax-xufier;

"vettura bil-mutur M2" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' passiġġieri, b'iżjed minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier, u li jkollha l-piż massimu ta' mhux iżjed minn 5 tunnellati;

"vettura bil-mutur M3" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' passiġġieri, b'iżjed minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier, u li jkollha l-piż massimu ta' iżjed minn 5 tunnellati;

"vettura bil-mutur N1" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija u li għandha piż massimu ta' mhux iżjed minn 3.5 tunnellati;

"vettura bil-mutur N2" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija u li għandha piż massimu ta' iżjed minn 3.5 tunnellati iżda mhux iżjed minn 12-il tunnellata;

"vettura bil-mutur N3" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija u li għandha piż massimu ta' iżjed minn 12-il tunnellata;";

(iv) it-tifsira "vettura bil-mutur" tiegħu għandha tiġi sostitwita bit-tifsira li ġejja:

""vettura bil-mutur" tfisser kwalunkwe vettura li taħdem b'qawwa mekkanika u tinkludi motor cycle, e-kickscooter u, jew moped;".

Jemenda s-Sitt Skeda għar-regolamenti prinċipali.

3. Is-Sitt Skeda għar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) il-partita "MS-2" għandha tiġi sostitwita bil-partita ġdida li ġejja:

"MS-2	Iżżomm u, jew tagħmel użu minn mowbajl li jinżamm fl-idejn waqt li tkun wieqaf fit-traffiku jew waqt li tkun qed issuq kwalunkwe vettura fil-kategoriji M1 u N1 u tinkludi kwalunkwe motor cycle u, jew kwalunkwe e-kickscooter;	6-9";

(ii) il-partita MS-4 għandha tigi mħassra u minnufih wara għandhom jiġu miżjuda l-partiti ġodda li ġejjin:

"MS-5	Tilbes jew tagħmel użu fil-widna li hi l-eqreb lejn it-tieqa minn apparat hands-free li jintlibes ġewwa jew fuq il-widnejn, jew xi apparat simili waqt li tkun wieqaf fit-traffiku jew waqt li tkun qed issuq kwalunkwe vettura fil-kategoriji M1 u N1;	6-9
MS-6	Tilbes jew tagħmel użu f'xi widna ta' apparat hands-free li jintlibes ġewwa jew fuq il-widnejn, jew xi apparat simili waqt li tkun wieqaf fit-traffiku jew waqt li tkun qed issuq kwalunkwe motor cycle u, jew e-kickscooter;	6-9
MS-7	Iżżomm u, jew tagħmel użu minn mowbajl li jinżamm fl-idejn waqt li tkun wieqaf fit-traffiku, jew waqt li tkun qed issuq kwalunkwe vettura fil-kategoriji M1, M2 jew M3 għall-kiri jew bi ħlas u, jew vettura bil-mutur fil-kategoriji N2 jew N3 jew kwalunkwe makkinarju li jaħdem b'mezzi mekkaniċi għall-ġarr tal-merkanzija;	6-9
MS-8	Tilbes jew tagħmel użu fil-widna li hi l-eqreb lejn it-tieqa minn apparat hands-free li jintlibes ġewwa jew fuq il-widnejn, jew xi apparat simili waqt li tkun wieqaf fit-traffiku u, jew waqt li tkun qed issuq vettura bil-mutur fil-kategoriji M1, M2 jew M3 għall-kiri jew bi ħlas jew vettura fil-kategoriji N2 jew N3 jew kwalunkwe makkinarju li jaħdem b'mezzi mekkaniċi għall-ġarr tal-merkanzija;	6-9

MS-9	Tilbes jew tagħmel użu f'xi widna ta' apparat hands-free li jintlibes ġewwa jew fuq il-widnejn, jew xi apparat simili fil-widnejn, waqt li tkun wieqaf fit-traffiku u, jew waqt li qed issuq kwalunkwe motor cycle u, jew kwalunkwe e-kickscooter għall-kiri jew bi ħlas.	6-9".

Jemenda l-Erbatax-il Skeda għar-regolamenti prinċipali.

4. Fl-Erbatax-il Skeda tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "Emirati Għarab Magħquda" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "Ir-Renju Unit (inkluż Isle of Man, Guernsey, Jersey u l-Irlanda ta' Fuq).".